MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2004

Ċitazzjoni Numru. 502/2000/1

***Mediterranean Film Studios Limited***

***Versus***

**Albert Galea, u Franco Masini fil-kwalità tiegħu ta' *chairman* tat-Tribunal Industrijali**

F'din il-kawża s-soċjetà attriċi qiegħda titlob illi l-qorti tgħid illi deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal Industrijali ngħatat bi ksur tal-liġi u ma tiswiex.
Iċ-ċitazzjoni tgħid illi b'ittra tal-25 ta' Novembru 1998 lill-Ministru għall-Politika Soċjali l-konvenut Galea kien talab illi l-kwistjoni tat-tkeċċija tiegħu mill-impjieg mas-soċjetà attriċi titressaq quddiem it-Tribunal Industrijali. Kif irid l-art. 28(2) ta' l-Att dwar Relazzjonijiet Industrijali ġKap. 266ħ, il-ministru, b'ittra ta' l-1 ta' Diċembru 1998, ressaq il-każ bħala temm obbligatorju ta' tilwima industrijali quddiem iċ-*chairman* tat-Tribunal Industrijali.
Il-konvenut Masini, bħala *chairman* tat-tribunal, appunta l-każ għas-smigħ quddiem it-Tribunal Industrijali bħal każ

numru 1293 "fil-kwistjoni tax-xogħol bejn Albert Galea u *Mediterranean Film Studios* dwar tkeċċija mill-impjieg allegata li hi inġusta"; it-tribunal sema' l-każ fuq medda ta' tlittax-il seduta. B'deċiżjoni parzjali numru 1096 mogħtija fit-23 ta' Frar 2000 it-tribunal iddeċieda li l-konvenut Galea kien tkeċċa għal raġuni li ma hix tajba u biżżejjed, u b'deċiżjoni finali numru 1096 (kontinwazzjoni) mogħtija fit-8 ta' Marzu 2000 illikwida d-danni li kellhom jitħallsu lill-konvenut Galea fis-somma ta' tnax-il elf lira (Lm12,000).

Ix-xhieda mressqa mis-soċjetà attriċi matul is-smigħ tal-kawża kienu juru illi l-konvenut Galea ma kienx obda ordni leġittima mogħtija mill-prinċipal tiegħu biex imur lura għax-xogħol, kien insubordinat fl-imġieba tiegħu, u kien qiegħed jagħti servizzi li minnhom kienu qegħdin igawdu terzi li kienu f'konkorrenza mas-soċjetà attriċi; madankollu, il-konvenut Masini, bħala *chairman* tat-tribunal, "astjena dikjaratament" milli jqis dawn il-fatti fid-deċiżjoni tiegħu, u ibbaża d-deċiżjoni tiegħu dwar il-likwidazzjoni tad-danni tal-konvenut Galea fuq it-tmiem ħesrem tal-karriera tiegħu, fuq is-snin ta' servizz li kellu mas-soċjetà attriċi, fuq l-età tiegħu u fuq is-salarju li kellu meta tkeċċa mill-impjieg, bla ma ħalla lill-attriċi tressaq xhieda dwar id-dħul li, meta ntemm l-impjieg tiegħu, Galea kellu mis-servizz li kien qiegħed jagħti lil terzi, b'konflitt ta' interess ma' l-impjieg tiegħu mas-soċjetà attriċi.

Għal dawn ir-raġunijiet is-soċjetà attriċi talbet illi l-qorti:

1. tgħid illi d-deċiżjoni numru 1096, fuq imsemmija, ma tiswiex, u ma għandha ebda seħħ fil-liġi għax hija *ultra vires* taħt l-art. 469A(1)(*b*) (i), (ii), (iii) u/jew (iv) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili billi t-Tribunal Industrijali naqas milli jieħu ħsieb li ssir ġustizzja skond il-meriti tas-sustanza tal-każ kif irid l-art. 31(3) ta' l-Att dwar Relazzjonijiet Industrijali ġKap. 266ħ;
2. tgħid illi d-deċiżjoni numru 1096, fuq imsemmija, ma tiswiex, u ma għandha ebda seħħ fil-liġi wkoll għax tikser il-Kostituzzjoni ta' Malta skond l-art. 469A(1)(*a*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u/jew għax hija *ultra vires* taħt l-art. 469A(1)(*b*) (i), (ii), (iii) u/jew (iv) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili billi t-Tribunal Industrijali naqas milli jagħti smigħ xieraq skond ir-regoli tal-ġustizzja naturali kif iridu l-art. 31(3) ta' l-Att dwar Relazzjonijiet Industrijali, l-istess art. 469A (1)(*a*)(ii) tal-

Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u l-art. 39(2) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta;

3. għalhekk tgħid illi d-deċiżjoni numru 1096, fuq imsemmija, ma tiswiex, u ma għandha ebda seħħ fil-liġi għax it-tilwima ma ġietx mitmuma kif irid l-art. 31(1) ta’ l-Att dwar Relazzjonijiet Industrijali, u għalhekk trid tkompli tinstema’ fil-meritu; u

4. għalhekk ukoll tgħid illi t-Tribunal Industrijali għadu ma tax sentenza jew deċiżjoni valida fil-każ numru 1293, fuq imsemmi, kif irid l-art. 31 ta’ l-Att dwar Relazzjonijiet Industrijali, u għadu marbut li jagħti s-sentenza jew id-deċiżjoni tiegħu mingħajr dewmien.

Talbet ukoll l-ispejjeż, fosthom dawk tal-mandat ta’ inibizzjoni ippreżentat flimkien maċ-ċitazzjoni.

Il-konvenut Masini ressaq l-eċċezzjoni, fost oħrajn, illi għandu jinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju, u l-qorti, b’sentenza mogħtija fis-26 t’Ottubru 2001[1], laqgħet l-eċċezzjoni u ħelset lill-konvenut Masini mill-ħarsien tal-ġudizzju.

Il-konvenut Galea ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

1. id-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali hija valida;

2. l-ewwel talba tas-soċjetà attriċi għandha tiġi miċħuda għax ma jistax jingħad illi d-deċiżjoni tat-tribunal hija *ultra vires* u l-każ ma jaqa’ taħt ebda waħda mid-dispożizzjonijiet ta’ l-art. 469A(1)(*b*) (i), (ii), (iii) jew (iv) tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

3. it-tieni talba wkoll għandha tiġi miċħuda għax il-każ ma jaqax taħt id-dispożizzjonijiet ta’ l-art. 469A(1)(*a*) tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u l-proċeduri quddiem it-tribunal imxew kif trid il-ġustizzja naturali u wkoll kif iridu d-dispożizzjonijiet ta’ l-art. 31(3) ta’ l-Att dwar Relazzjonijiet Industrijali u l-art. 39(2) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta; u

4. għalhekk il-każ numru 1293 “fil-kwistjoni tax-xogħol bejn Albert Galea u *Mediterranean Film Studios* dwar tkeċċija mill-impjieg allegata li hi inġusta” intemm għal kollox bid-deċiżjoni mogħtija fit-23 ta’ Frar 2000 u fit-8 ta’ Marzu 2000.

Il-partijiet f’din il-kawża ma ressqux xhieda ħlief illi s-soċjetà attriċi esebiet kopja tad-deċiżjonijiet tat-Tribunal

[1] *Foll*. 26 *et seq.*

Industrijali li minnhom qiegħda tilmenta. Il-fatti relevanti għall-kawża tallum, kif joħorġu mid-deċiżjonijiet tat-tribunal, ġraw hekk:
Il-konvenut Galea kien impjegat mas-soċjetà attriċi u għal xi żmien kien ħareġ bil-*leave*. Is-soċjetà attriċi sejħitlu lura għax-xogħol iżda l-konvenut ma marx u għalhekk is-soċjetà attriċi qieset illi kien irriżenja mill-impjieg tiegħu. Il-konvenut Galea ma qabilx li kien irreżenja, qal li s-soċjetà attriċi temmitlu l-imġjieg inġustament, u talab li l-każ jintbagħat quddiem it-Tribunal Industrijali. Is-soċjetà attriċi tenniet illi kien il-konvenut li irreżenja.
Il-kwistjoni quddiem it-tribunal għalhekk kienet jekk il-konvenut Galea kienx irreżenja mill-impjieg jew abbandunax il-post tax-xogħol tiegħu, u mhux jekk is-soċjetà attriċi kellhiex raġuni tajba biex ittemmlu l-impjieg. Wara li qies il-fatti li dehrulu relevanti għal din il-kwistjoni, it-tribunal sab li la kien hemm riżenja u lanqas abbandun ta' l-impjieg. Billi l-kwistjoni quddiemu ma kinitx jekk is-soċjetà attriċi kellhiex raġuni tajba biex ittemm l-impjieg, it-tribunal ma daħalx f'dik il-kwistjoni.
Is-soċjetà attriċi issa qiegħda tgħid illi t-tribunal ma għamilx ġustizzja skond il-meritu tal-każ u ma tahiex smigħ xieraq għax "astjena dikjaratament milli jieħu … … … in konsiderazzjoni fid-deċiżjoni tiegħu" fatti li juru illi l-konvenut Galea ma obdiex ordni leġittima mogħtija mill-prinċipal tiegħu biex imur lura għax-xogħol, kien insubordinat fl-imġieba tiegħu, u kien qiegħed jagħti servizzi li minnhom kienu qegħdin igawdu terzi li kienu f'konkorrenza mas-soċjetà attriċi.
Dawk il-fatti, iżda, kif rajna, ma kellhomx relevanza għall-meritu kif kien definit bit-tweġiba tas-soċjetà attriċi stess, meta, għall-ilment tal-konvenut li keċċietu mingħajr raġuni tajba, wieġbet, mhux li kellha raġuni tajba għat-tkeċċija, iżda li l-impjieg temmu l-konvenut stess billi irreżenja jew abbanduna l-post tax-xogħol.
Is-soċjetà attriċi għalhekk ma tistax tilmenta jekk it-tribunal ma qiesx xhieda li, fil-fehma ta' l-istess tribunal, kienet irrelevanti; lanqas ma tista' s-soċjetà attriċi tilmenta li ma ngħatax smigħ xieraq, għax it-tribunal sema' wkoll il-verżjoni tagħha tal-fatti, qabel ma għamel il-valutazzjoni tiegħu dwarhom.

Din il-qorti ma tidħolx fil-kwistjoni jekk id-deċiżjoni tat-tribunal, meta sab li ma kienx hemm riżenja jew abbandun tal-post tax-xogħol, kinitx deċiżjoni tajba jew le, għax il-ġurisdizzjoni ta' din il-qorti hija waħda ta' stħarriġ dwar legalità u mhux ta' appell. Għalhekk, ladarba fil-fehma ta' din il-qorti t-tribunal ma mexiex bi ksur tal-liġi, it-talbiet tas-soċjetà attriċi ma jistgħux jintlaqgħu.
Il-qorti għalhekk taqta' l-kawża billi tiċħad it-talbiet kollha tas-soċjetà attriċi, u tikkundannaha tħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża ħlief dawk li dwarhom ġà ngħatat deċiżjoni fis-sentenza tas-26 t'Ottubru 2001.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------